# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **21 TA' APRIL 2019**

**Sibt il-Għid**

Illum is-Sibt mis-7:00pm sas-7:30pm ikun hawn il-qrar fil-Knisja Parrokkjali.
Fit-8:00pm tibda l-Quddiesa tal-Vġili tal-Għid il-Kbir li fiha jsir it-tberik tal-Blandun, Qari mill-Iskrittura u Magħmudija ta' trabi.

**Ħadd il-Għid**

Għada l-Ħadd fil-quddiesa tad-9:15am isir it-tberik tal-figolli.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 23 ta' April 2019 inkomplu t-tberik tal-familji. Hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tlieta 23 ta' April 2019**

Triq Dun Frans Bianco, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Artillieri u Triq il-Batterija taż-Żonqor.

**L-Erbgħa 24 ta' April 2019**

Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq il-Blajjiet u Triq Hurd's Bank.

**Il-Ħamis 25 ta' April 2019**

Triq San Luqa u Triq San Ġużepp.

**Il-Ġimgħa 26 ta' April 2019**

Triq in-Nagħniegħ, Triq il-Merqtux u Triq Għaxqet l-Għajn.

**Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fr Matthew Pulis**

**Is-Sibt 27 ta' April 2019 – Jum l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fr Matthew Pulis u sħabu.**

Fid-9:30am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu mal-erba' żgħażagħ li ser jiġu ordnati saċerdoti fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fit-8:00am. Inħeġġukom sabiex nattendu u jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija minħabba it-trasport. Grazzi.

**Quddiesa ma' Fr Matthew Pulis fil-Parroċċa tagħna**

Il-Ħadd 28 ta' April 2019 fid-9:15am quddiesa ma' Fr Matthew Pulis b'ringrazzjament lil Alla għad-don tas-Saċerdozju fil-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**_Afternoon Tea_ fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 28 ta' April 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea* sal-5:00pm.

**Festa tal-Ħniena Divina**

Il-Ħadd 28 ta' April 2019 niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Fil-Knisja ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u l-quddiesa fis-6:00pm.

**Nofstanhar Irtir**

L-Erbgħa 1 ta' Mejju 2019 bħala Parroċċa qed norganizzaw nofstanhar irtir. Fit-8.00am nitilqu minn quddiem is-Sala Sant'Anna u fit-8:30am nibdew il-laqgħa tagħna b'quddiesa. Il-laqgħa ser titmexxa minn Fr Jimmy Bonnici u tintemm fin-12.30pm bl-ikel. Filwaqt li nħeġġu lil kulħadd sabiex tingħaqdu magħna jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija. Grazzi ħafna.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

***Eurovision Pasta Night***

Is-Sibt 18 ta' Mejju 2019 mit-8:30pm 'il quddiem ser norganizzaw *Eurovision Pasta Night fis-Sala Sant'Anna*. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Voluntiera tal-Parroċċa.